



L-Aġjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: Kurrikuli Innovattivi jew Pjan ta' Taħriġ f'kull Żona Partikolari

Tip ta' prassi: L-Aġjar Prassi

Pajjiż: L-Ungerija

April 2014

Titolu tal-prassi	Tribunali Fittizzji Simulati
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Fl-Ungerija, is-segretarji tal-qorti (assistenti mħallfin) għandhom jipprattikaw il-qorti għal mill-inqas sena sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal pożizzjoni ta' mħallef proprju.</p> <p>Matul il-perjodu ta' Prattika jridu jieħdu sehem f'taħriġ obbligatorju organizzat mill-Akkademja Ġudizzjarja, inklużi sessjonijiet ta' proċedimenti fittizzji.</p> <p>Dan il-modulu partikolari jdum ġimgħa. Il-proċediment simulat isir fl-Akkademja Ungeriża tal-Ġustizzja fejn żewġ kmamar ta' taħriġ huma permanentement mgħammra bħala awli tal-qrati.</p> <p>Is-segretarji tal-qorti li jieħdu sehem fit-taħriġ jaħdmu fuq il-bażi ta' studju ta' każ u jaqdu l-irwoli kollha: pereżempju fil-każ ta' proċedura kriminali, il-vittma, l-akkużat, ix-xhieda, l-avukat tad-difiża, il-prosekutur u l-imħallef (bord).</p> <p>Is-sessjonijiet ta' proċedimenti simulati huma rreġistrati bil-vidjow u mbagħad murija lill-parteċipanti għall-analiżi bl-għajjn ta' tuturi mħallfin u psikologi. Fi tmiem it-taħriġ kull parteċipant jirċievi DVD li jkun fih "l-ewwel kawża tiegħu / tagħha".</p>
<i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i>	<p>L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (l-Akkademja Ungeriża tal-Ġustizzja)</p> <p>Indirizz postali: 1363 Pf.: 24 Budapest, Visiting address: Szalay u. 16 1055 Budapest</p> <p>Hungary</p> <p>Telefown: + 36 1 354-4100</p> <p>Il-faks: + 36 1 312-4453</p>

	Posta elettronika: obh@obh.birosag.hu Sit elettroniku: http://www.birosag.hu/obh
<i>Kummenti oħrajn</i>	<p>L-użu ta' proċedimenti simulati hija diġà prassi ta' taħriġ użata fil-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ fl-UE.</p> <p>Għalkemm jista' jkun hemm alternattivi oħra biex jinkiseb riżultat simili, il-mekkaniżmu spjegat jipprepara sew lill-apprendist għas-seduti tal-qorti ewlenin. Minħabba l-karatteristiċi partikolari tiegħu u l-mod kif jinvolvi l-apprendisti f'kull aspekt tas-simulazzjoni, inqisu li dan huwa l-AĦJAR PRASSI.</p> <p>Din il-prattika hija trasferibbli iżda tkun aktar realistika jekk iċ-ċentri ta' taħriġ ikollhom kmamar ta' taħriġ adattati (mgħammra bħala awli tal-qrati).</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lot 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi*", imwettaq min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)